

- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur, għandha tiġi interpretata fis-sens li timponi dejjem lill-kreditur u lill-intermedjarju ta' kreditu li jevalwaw minflok il-konsumatur l-opportunità tal-konklużjoni eventwali tal-kuntratt ta' kreditu?

(¹) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fl-1 ta' Frar 2018 – Vitali SpA vs Autostrade per l'Italia SpA

(Kawża C-63/18)

(2018/C 166/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vitali SpA

Konvenuta: Autostrade per l'Italia SpA

Domanda preliminari

Il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi, previsti fl-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 71 tad-Direttiva 2014/24 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 (¹), li ma jipprevedix limitazzjonijiet kwantitattivi għas-subappalt, u l-prinċipju ta' proporzjonalità rikonossut mid-dritt Ewropew, jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi, bħal dik Taljana prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 105(2) tad-decreto legislativo 18 aprile 2016, n. 50 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tat-18 ta' April 2016), li ttiprovdli li s-subappalt ma jistax jaqbeż il-kwota ta' 30 % tal-ammont totali tal-kuntratt għal xogħlijiet, għal servizzi jew għal provvisti?

(¹) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-12 ta' Frar 2018 – Idi Srl vs Arcadis – Agenzia Regionale Campana Difesa Suolo

(Kawża C-101/18)

(2018/C 166/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Idi Srl

Konvenuta: Arcadis – Agenzia Regionale Campana Difesa Suolo